# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D**

Seduta ta' nhar t-Tlieta 15 ta' Frar 2022

**<u>Rikors nru: 108/15 AGV</u>**

**MD sive DO D**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 19 ta' Mejju elfejn u hmistax fejn esponiet bir-rispett u ssottomettiet dan li gej bil-gurament:-

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 1999 u miz-zwieg taghhom hemm wild wiehed biss, O, li llum ghandu tnax-il sena u ghalhekk ghadu minuri;

2. Illi l-hajja tal-konjugi D sfaxxat fix-xejn wara li l-intimat kkommetta eccessi, sevizzi, ingurji, kif ukoll agir vjolenti u minaccuz fil-konfront tar-

rikorrenti, tant li l-istess rikorrenti anke giet imgieghla tiffirma kuntratt ta' separazzjoni tal-beni kontra l-volonta' taghha;

3. Illi ghaldaqstant, wara kuntratt datat 11 ta' Dicembru 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A), ir-rikorrenti ghaddiet lil zewgha, sehemha mill-gid kollu tal-komunjoni tal-akkwisti, inkluz id-dar matrimonjali u l-hanut bl-isem Chris Hardware Store li jinsab f'Hal Tarxien; filwaqt li hija baqghet u ghadha sal-lum, responsabbli ghad-djum kollha tal-komunjoni, flimkien ma' zewgha! Effettivament ir-rikorrenti giet assenjata biss vettura tal-marka Starlet; filwaqt li ghall-kuntlarju ta' zewgha, hija qatt ma kienet assistita minn konsulent legali tal-fiducja taghha;

4. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti, anke pprosegwiet b'rikors guramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, f'liema r-rikorrenti qed tattakka l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni li sar bejn il-partijiet, l-ghaliex hija tikkontendi illi gew uzati fuqha vjolenza u theddid minn zewgha l-intimat. L-imsemmi rikors guramentat, igib in-numru 253/14AF fl-ismijiet MD sive Do D vs CD, u sal-gurnata tal-lum ghadu pendenti quddiem il-Qorti kompetenti;

5. Illi ghalkemm il-partijiet illum ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, anke minhabba l-kawza imsemmija iktar'il fuq, is-sitwazzjoni tal-partijiet mhix wahda felici, anke peress li l-intimat qed jaghmel minn kollox biex igib lill-martu fi stat pjetuz, bhal perezempju jaqlala' c-cilindru tal-gas u l-washing machine biex ma tkunx tista' taghmel uzu minnhom, isakkar certu kmamar etc u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza. Madanakollu, l-iktar haga inaccettabbli li qed jaghmel l-intimat huwa li kontinwament qed izeffen lill-minuri fi kwistjonijiet ta' bejnu u bejn martu; bizejjed jinghad illi huwa anke jiehu lill-minuri gewwa l-Ghasses, biex

jaghmel rapporti folox kontra r-rikorrenti omm!

6. Illi minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat, m'ghadx hemm tama li l-partijiet isalvaw iz-zwieg taghhom u kien ghalhekk illi l-esponenti ma kellha l-ebda ghazla ohra ghajr li tintavola l-procedura odjerna;

7. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet datat 16 ta' Dicembru 2014, liema digriet gie sussegwentement gie estiz b'zewg digrieti ohra u cioe' dak tal-11 ta' Frar 2015 u dak tal-14 t'April 2015 (Dok B, C u D);

Jghid ghalhekk l-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat, fosthom eccessi, ingurji, sevizzi, vjolenza u minacci kommessi mir-ragel fuq martu; konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimmedjabbilment;

2. Tordna u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri O esklussivament f'idejn ir-rikorrent omm, b'access versu l-intimat, jekk ikun il-kaz fl-interess tal-istess minuri;

3. Tiffissa manteniment ghall-minuri O, sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi *full-time*, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi *full time* u tornda lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien mal-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri.

4. Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond il-bzonnijiet taghha u l-mezzi ta' zewgha u tordna lill-intimat sabiex ihallas ghall-istess manteniment; filwaqt li tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat iddekada minn kull dritt li jitlob ghall-manteniment minghand martu l-esponenti;

5. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita' data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta' tal-partijiet u bin-nomuna ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirraprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

6. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

7. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponenti u tassenjahom lil-istess esponenti;

8. Tordna lill-intimar jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

9. Tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kaptilo 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-rikors tal-attrici, datat 18 ta' Awwissu, 2021, u mhux oppost mill-konvenut, fejn talbet li tizdied talba addizzjonali, u cioe' li l-Qorti *"tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, ossia L".*

**Rat ukoll ir-risposta tal-konvenut** datata 15 ta' Gunju elfejn u hmistax fejn espona bir-rispett u ssottometta dan li gej bil-gurament:-

1. Illi l-esponenti jaqbel li l-kontendenti zzewgu fit-tlietin ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (30.10.1999) u li miz-zwieg taghhom huma kellhom tifel, O D, li twieled fl-ghaxra ta' Gunju tas-seba elfejn u tnejn (10.06.2002) u percio ghadu minorenni;

2. Illi filwaqt li l-esponenti jaqbel li l-hajja matrimonjali tal-partijiet m'ghadhiex aktar possibli, dan bl-ebda mod ma huma imputabbli lilu, izda r-relazzjoni taghhom spiccat proprju ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attrici u rikonoxxuti mil-Ligi fosthom adulterju, vjolenza psikologika, eccessi, sevizzi u offizi gravi fa parti tal-attrici fil-konfront tal-esponenti, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi l-esponenti ma' jaqbilx ma' dak dikjarat mill-attrici, u cioe' li huwa b'xi mod gieghlha tiffirma l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni kontra' l-volonta' taghha, anzi li hija kienet ben konxja ta' dak kollu li kien qed isehh u filfatt sar kif wara kollox gie miftiehem mill-partijiet, u dan kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

4. Illi lanqas huwa minnu dak dikjarat mill-attrici u cioe' li hija baqghet u ghadha sal-lum responssablli ghad-djun kollha tal-komunjoni, u dan kif jirrzulta minn klawsola tlieta (3) tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, datat hdax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (11.12.2013) in atti tan-Nutar

Dottor Ivan Barbara, anness u mmarkati mar-Rikors Guramentat tal-attrici bhala Dokument 'A';

5. Illi fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet *MD sive Do D vs CD* (Rikors Guramentat Numru 253/14AF) l-esponenti qieghed jilqa' ghall-allegazzjonijiet maghmula mill-attrici illi giet uzata fuqha vjolenza u theddid mill-esponenti, u dana ghall-fatt li ma kien hemm ebda vjolenza u theddid min-naha tal-esponenti u konsegwentament jsostni li l-kuntratt ippublikat fil-hdax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (11.12.2013) in atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara huwa validu u vinkolanti;

6. Illi assolutament mhux minnu li l-esponenti qieghed jaghmel minn kollox biex igib lill-attrici fi stat pjetuz anzi kif ser jirrizult fil-mori tal-kawza, l-attrici tghix hajja komda hafna u tonfoq ezageratament, u lanqas huwa minnu li l-esponenti qieghed b'xi mod izeffen lil binhom minuri fi kwistjonijiett bejn il-partijiet u dan kuntrarrjament ghal dak allegat mill-attrici;

7. Illi filwaqt li ma hemm l-ebda tama li l-partijiet jirrikonciljaw u jsalvaw iz-zwieg dan huwa biss ghar-ragunijiet imputtabbli lill-attrici u mhux attribwibbli ghall-esponenti kif qed tallega l-attrici, u kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti ser jghaddi biex iressaq is-segwenti eccezzjonijiet fil-mertu kif gej:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti pero' mhux ghar-ragunijiet indikati mill-attrici izda pricipalment ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-attrici u

rikonxxuti mil-Ligi fosthom adulterju, vjolenza psikolgika, eccessi, sevizzi u offizi gravi da parti tal-attrici fil-konfront tal-esponenti, kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

2. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tieni talba tal-attrici sabiex hija tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-wild minuri stante li huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri illi l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata f'idejn l-konvenut Missier, kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, b'dana illi l-attrici tigi moghtija access ghal binha f'dawk il-granet u hinijiet li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tielet talba in kwantu tirrigwardja l-manteniment pagabbli mill-konvenut versu l-minuri, u fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti toghgobha takkorda lill-konvenut il-kura u l-kustodja tal-wild minuri, din l-Onorabbli Qorti ghandha tistabilixxi u tiffissa dik ir-retta alimentarja hekk likwidata, li l-attrici ghandha thallas lill-esponenti ghall-istess minuri b'dawk il-modalitajiet kollha. Nkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex l-attrici taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u ssir ordni ghall-hlas tal-istess retta alimentarja u dan flimkien mal-ispejjez relatati mas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

4. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tichad ir-raba' talba stante li l-attrici hija unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u b'hekk iddekadiet minn tali dritt u dan apparti mill-fatt li r-rikorrenti hija finanzjarjament indipendenti;

5. Illi fir-rigward tal-hames talba, l-esponenti jirrileva li prezentement il-komunjoni tal-akkwisti hija xolta, itterminata u likwidata u dan in vista tal-

kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, datat hdax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (11.12.2013) in atti tan-Nutar Dottor Ivan Barbara. B'dana illi jekk se mai qatt l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet *MD sive Do D vs CD* (Rikors Guramentat 253/14AF) jkun favur l-attrici, l-esponenti ma jopponiex ghall-hames talba u cioe' li tigi xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'dana pero' mhux bilfors fi kwoti ndaqs stante tortijiet imputabbli lill-attrici u fl-istess waqt tigi stabbilita' data minn din l-Onorabbli Qorti, bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun ikkunsidrata hatja tal-firda, u dana okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel illikwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci;

6. Illi dwar is-sitt talba l-esponenti ma' jsibx oggezzjoni illi l-assi parafernali u dawk dotali jigu likwidati, b'dana illi kull parti tiehu l-gid parafernali taghha;

7. Illi l-esponenti ma jopponix ghat-tmien talba attrici, b'dana illi l-esponenti jirrileva illi m'hemm l-ebda beni u krediti parafernali u dotali tal-attrici fil-pussess tal-konvenut u fl-istess din l-Onorabbli Qorti ghandha tornda lill-attrici sabiex tikkonseja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali tieghu, inkluz dawk li jinsabu fil-pussess tal-attrici;

8. Illi l-esponenti ma jopponix ghat-tmien talba attrici, b'dana illi l-esponenti jirrileva illi m'hemm l-ebda beni u krediti parafernali u dotali tal-attrici fil-pussess tal-konvenut u fl-istess din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna lill-attrici sabiex tikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali tieghu, inkluz dawk li jinsabu fil-pussess tal-attrici;

9. Illi fl-ahhar lok, dwar id-disa' talba, ma jezistux ic-cirkostanzi li minhabba fihom ghandhom jigu applikati l-effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-ligi citati mill-attrici fil-konfront tal-konvenut, liema effetti tad-disposizzjonijiet u sanzjonijiet pero' ghandhom jigu applikati kontra l-istess attrici stante li hija unikament hatja ghat-tifrik taz-zwieg;

10. Illi f'dak illi jirrigwarda l-ispejjez, gialadarba l-konvenut ma jahtix ghat-tifrik taz-zwieg, liema tifrik gie kagunat unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-attrici kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawz, l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati internament mill-istess attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet.

Rat ir-Rapporti tal-Avukati tat-tfal.[1]

Rat is-sottomossjonijiet bil-miktub mressqa mill-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**<u>FATTI</u>**

[1] Ara Dok. 252 A

1. **L-attrici** zzewwget lill-konvenut li tghid huwa persuna dominanti u pussessiv. Ma kienx ihalliha tmur imkien u lanqas tilbes make-up. Kien jikkontrollaha u kien ihalliha nieqsa mill-flus. Qatt ma siefru hlief ghall-honeymoon u kien ighaddilha €200 u minnhom kien inaqqsilha l-home pack tal-GO u b'hekk kien jibqala' biss €180 f'idejha. Minnhom kien ikollha thallas il-bzonnijiet tal-familja, tat-tifel u thallas nofs il-kontijiet.

   Ma kienx ihalliha tinhasel u kien ukoll johrogha tiehu pizza u dejjem f'postijiet fejn ikun jaf is-sid biex joqghod jithadded mieghu. Ma kienx ihalliha tordna l-inbid. MGM kkonfermat dina l-verzjoni ukoll, ghax kienet isibha difficli biex hi u l-attrici kienu johorgu jiehdu pizza u dan ghaliex il-konvenut kien izomm l-attrici nieqsa mill-flus. Dan ukoll huwa kkonfermat minn J L S, il-mara ta' hu l-attrici. Indunat l-iktar meta l-attrici kellha tkun parrina ta' bintha u marru jduru ghal-libsa. Kienet kontinwament tikkomunika mal-konvenut biex tghidlu l-prezz u donnha biex titlob permess biex tixtriha, izda spiccat ma xtrat xejn.

   L-attrici tattribwixxi l-possessivita' tieghu peress li hemm ghaxar snin differenza bejniethom. Kien jiccekkja l-mobile taghha u kien joqghod ghassa taghha, Kien anke sahansitra jehodilha l-istatements tal-bank taghha. In kontro-ezami tghid li ghalkemm mhux kollox dejjem mexa harir, il-problemi l-iktar li bdew kienu wara li twieled it-tifel.

   Meta kienu gharajjes kienu xtraw post f'Hal Tarxien u fiz-zwieg kienu xtraw ukoll dghajsa u karozza ghaliha. Hu l-attrici M L jikkonferma li sabiex xtraw il-post, il-partijiet kienu hadu self minghand missier il-konvenut u l-attrici kienet thallsu lura b'pagamenti fix-xahar. Lia jghid ukoll li kien ghamel xi xogholijiet fid-dar tal-partjiet meta xtrawha.

   L-attrici in kontro-ezami tikkonferma li llum dawn l-assi gew assenjati fis-separazzjoni tal-beni.

Kien jissusspetta fiha l-hin kollu, tant li kien oppressiv. Kien imaqdarha u jwaqqaghha tac-cajt quddiem kulhadd, inkluz membri tal-familja. M V habib tal-partijiet jikkonferma li l-konvenut kien it-tip ta' persuna li minn ghalih jifhem f'kollox u dejjem ghandu ragun. Ighid li kien dejjem iwahhal fiha jekk kien jigri xi haga jew jibda jghajjat maghha. M G M, habib taghhom ikkonfermat ukoll li l-konvenut kien ighajjat mal-attrici u jghajjarha. Kien anke jindahal fil-konversazzjonijiet li kien ikollhom bejn in-nisa. Meta kienu jiltaqghu fuq id-dghajjes, filwaqt li l-konvenut kien jaghmel kullimkien tieghu, l-attrici kienet toqghod attenta u zzomm id-distanza minhabba l-konvenut.

J L S ukoll xehdet dwar il-mod kif il-konvenut kien jittratta l-attrici u jkellimha qisha tifla zghira u kien jaqbad jirredikolaha quddiem kulhadd.

M L hu l-attrici ukoll jikkorroborra l-verzjoni tad-diversi xhieda u jikkonferma ukoll li l-konvenut kien bniedem possessiv u antipatiku. Kien ighajjar lill-attrici u halli jghid tieghu u lilha ma kienx ihalliha tghid taghha. Minhabba f'hekk ma tantx kienu jghidulu johrog maghhom, minkejja li jghid li  kien ihoss ghall-ohtu ghax il-konvenuta ma kien jehodha mkien.

Jispjega li kien jaf li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx wahda mill-ahjar, peress li meta gieli kkonfronta lil ohtu, kienet tibda tibki. Meta kienu jorganizzaw xi haga bhala familja jew hbieb u jsiru jafu li ser ikun hemm il-konvenut ma kinux imorru.

L jzid ighid li l-attrici kienet qaltlu li kienet marret ma' ragel iehor u li l-konvenut ingannaha meta gieghla tiffirma biex jiehu kollox. Dwar it-tifel taghhom O, ighid li dan dejjem kien close mal-genituri tieghu, izda kien jibza'  hafna minn missieru u kien tifel differenti fil-presenza ta' missieru. Ighid ukoll li darba minhabba l-konvenut, it-tifel kien irrapportah mal-pulizija wara li bdew jinku lil xulxin.

L-attrici titkellem ukoll dwar ir-relazzjonijiet intimi mar-ragel taghha u tghid li kien jixtrilha underwear vulgari u r-relazzjonijiet intimi kienet avventura ghalih u kien possessiv ukoll. Tkompli tispjega li din il-possessivita' kienet ghajjietha, tant li spiccat sabet ragel iehor u ghalkemm il-konvenut kellu s-suspetti ma kinitx ammettiet mieghu mill-ewwel. In kontro-ezami tghid li kellha relazzjoni ma' tlett irgiel b'kollox, izda ma' wiehed kienet damet bejn sentejn u tlett snin. Tikkonferma li l-konvenut kien jaf ghax kien cempel lill-mara ta' dan ir-ragel u tghid li llum dawn ghadhom flimkien. L-attrici tghid li wiehed mill-irgiel li marret mieghu kien jahdem maghha u ghalhekk kienet issib il-hin tiltaqa' mieghu, peress li tghid li l-konvenut kien il-hin kollu jsegwiha. Minn dakinhar hajjitha qqalbet ghall-aghar, kien isegwiha kullimkien u kien jikkontrollaha izjed. Dan ukoll huwa kkonfermat minn J L S u l-iskuza kienet meta kkonfrontatu, li kellhom l-problemi. Dak iz-zmien tghid li l-attrici ma kinitx kellmitha dwar l-adulterju.

Minhabba dawn ic-cirkostanzi, l-konvenut ridha tiffirma s-separazzjoni tal-beni u sakemm accettat kien ghamlilha hajjitha infern. Tghid li l-konvenut kien beda jheddidha ukoll bis-separazzjoni u l-annulament. Kien imbaghad hadha ghand Dr.Michael Tanti Dougall li insista maghha li jaqbilha tiffirma dan il-kuntratt. Riedet thalli sehehmha lit-tifel izda l-avukat ma kienx taha parir.Il-konvenut imbaghad beda jheddidha li jekk ma tiffirmax kien jitlaqha u jsallabha u ghalhekk ma kellhiex ghazla hlief li taccetta, ghalkemm in-nutar kien ghamlilha sinjal sabiex ma tiffirmax. Skond il-kuntratt kellhom jinqassmu l-ispejjes bejn il-partijiet, izda l-attrici rrifjutat li thallas ghax hi ma kinitx riedet li jsir dan il-kuntratt. Tghid li kienet fehmet li kienet qed tirrinunzja ghal sehemha mid-dar, izda riedet thalliha lit-tifel. Ma kinitx taf li kien jinvolvi proceduri l-Qorti. Tghid li minhabba t-theddid kienet iffirmat peress li bezghet li kien ser jikkxifiha

mal-familja taghha. Tikkonferma ukoll li n-nutar kien spjega l-kunratt qabel ma ffirmat, izda ma jidhirlix li spejga l-effetti tal-istess.

J L S tghid li meta l-attrici kienet fethet qalbha, kienet diga' ffirmat il-kuntratt u zzid tghid li d-dar matrimonjali li ghaddiet lir-ragel, kienet inxtrat fiz-zwieg u zgur li l-attrici kienet tikkontribwixxi ghal €250 fix-xahar. Minn dakinhar baqghu jghixu taht l-istess saqaf, izda l-konvenut qed jghamlilha hajjitha infern. Tichad li l-kuntratt gie ffirmat ghaliex l-attrici kienet tberbaq il-flus, Fil-fatt J L S tikkonferma li dan il-kuntratt kien gie ffirmat ghaliex b'hekk il-konvenut kien qed jahfrilha l-izball taghha. Thossha qisha priguniera go darha. L-aghar haga pero' li qed jaghmel huwa li jghawwi lit-tifel kontriha u fil-presenza ta' missieru, il-minuri jittratta lill-attrici hazin u bla rispett. Igieghlu ukoll jirrikordja konversazzjonijiet meta jkun maghha u jiltaqghu ma' hutha. Kien anke jirrappurtaha u spiccaw li kellhom jintervjenu l-pulizija. Dan huwa ukoll korroborat minn JLS.

Fil-mori tal-kawza, l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali u l-minuri ighix mal-konvenut u tghid li lanqas ikellimha. Tikkonferma li thallas €250 kull erba' gimghat ghat-tifel. Ghall-bidu meta kellha l-partner li prezentement qiedgha mieghu, it-tifel ma riedx jiltaqa' mieghu, izda maz-zmien kien accettah.

Tichad li t-tifel raha fis-sakra u tammetti li f'mument ta' rabja gieli tkellmet hazin.

2. **Il-konvenut** ighid li kien ihobb lill-attrici hafna u ghalkemm induna li ma kinitx wahda li ggemma' l-flus xorta xtralha l-libsa tat-tieg ghax minn dejjem kien jipprova jikkuntentahha. Kienu zzewwgu fit-30 ta' Ottubru, 1999 u dak iz-zmien il-konvenut kien beda jmexxi l-hanut li kellu missieru li kien jibqa' miftuh mis-7.30 am sas-7. 00 pm. F'dan iz-zmien, l-attrici

kienet korriet tarbija u meta regghet harget tqila b'O kienet iddecidiet li ma tkomplix tahdem fil-mushroom farm u dan peress li gieli kienu jgorru l-ixkejjer u bezghat li ser terga' tkorri. Kien accetta din is-sitwazzjoni u kienu jghixu b'paga wahda. Meta t-tifel beda jmur l-iskola kienet regghet bdiet tahdem. Ighid li l-paga taghha kienet tamministraha hi u ma kienx jara sold minnha.

Il-hinijiet tax-xoghol tal-attrici kienu bejn is-6.30 am sal-5.00 pm u ghalhekk kienu hinijijet twal u kien jispicca jiehu hsieb it-tifel hu. L-attrici qatt ma kienet tidhol id-dar qabel it-8.30 pm u kienet tghid li tkun qiedgha xoghol, meta mbaghad sar jaf li kienet verament tispicca xoghol fl-4. 00 pm. Dejjem kienet izzomm ruhha u meta kienet tigi d-dar kienet issib l-ikel u x-xiri lest. Il-konvenut ighid li kien jiehu hsieb il-faccendi kollha hu u fil-gurnata off taghha l-attrici kienet minflok tnaddaf, tohrog man-neputija.

Jispjega li l-attrici kellha paga ahjar minn tieghu, izda dejjem kienet tonfoq flusha fuqha, fuq hwejjeg u zraben li jqumu l-flus, fwejjah u ikel tad-dieta, imbaghad qatt ma kienet tixtri xejn lit-tifel.

Fuq l-imgieba tal-attrici, ighid li ma tantx kienet tqatta' hin mat-tifel. Kienet tidghi hafna u tghajjru b'kliem oxxen quddiem it-tifel. Kienet theddu in kontinwazzjoni. Kien f'dan iz-zmien li beda jinduna li l-attrici kellha wicc haddiehor, izda ma kienx ikkonfrontaha sabiex isalva z-zwieg.

Jametti li ma kienx zwieg felici, izda kien jipprova jittolleraha sabiex isalva z-zwieg, izda kien zball ghax it-tifel iktar beda jsoffri.

Il-konvenut jahdem self-employed u jiggestixxi hanut ta' ironmongery store. Ipprezenta s-sales – X readings bejn is-snin 2016 sa 2018.[2] Ipprezenta ukoll iz-Z readings tal-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2016 u 26 ta' Jannar, 2016.[3]

3. **OD**, bin il-partijiet, illum maggorenni ddecieda li jixhed sabiex juri li l-konvenut kien dejjem hemm ghalih u ommu ma kinitx bhall-ommijiet ohra. Ighid li ommu kienet attraenti u kienet taf tifflirtja mal-irgiel. Kienet tidghi hafna anke quddiemu u kemm-il darba l-konvenut kien iwaqqafha. Kienet tilbes ukoll b'mod provokanti.

Isemmi ukoll li gieli kienet tixrob u jiftakar darba kienu party kienu haduha d-dar fis-sakra. Lanqas kienet tisthi meta tkun fil-kamra tal-banju qed tinhasel u tghajjatlu.

Jispejga li ommu ma kinitx it-tip li taghmel faccendi fid-dar u kienet tippreferi tqatta' l-hin ix-xoghol jew tigi d-dar tilbes pulit u tohrog. Kienet tonfoq hafna flus sabiex izzomm ruhha, filwaqt li hu kien dejjem bil-qliezet ta' taht imtaqqbin.

Jistqarr li ma kienx kuntent meta kien imur jara lil ommu u kien ikun hemm il-partner taghha. Ighid ukoll li ommu kienet waqqfghet l-access ghax peress li kienet marret tghix San Pawl u hu Haz-Zabbar kienet tridu jaqbad bus biex ma ccaqlaqx il-karozza taghha. Dan beda jigri fl-ahhar xhur tal-access.

Ighid ukoll li ma jkellimix liz-zijiet tieghu M u J L u dan minhabba li l-affarjiet bdew jiddeterjoraw meta l-attrici kienet tkun hafna ghand huha.

[2] Ara Dok. X 1
[3] Ara Dok. X 2

4. **Joanna Bartolo,** in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li mir-ricerki li kienet ghamlet kien irrizulta li f'isem il-konvenut kien hemm kont wiehed li nghalaq fis-27 ta' Awissu, 2010.[4]
   F'isem l-attrici kienet sabet kont wiehed ukoll li nfetah bejn il-perjodu 30 ta' Ottubru, 1999 sal-11 ta' Dicembru, 2013.[5]

   Tghid li safe deposits u investimenti ma kienx hemm.

5. **Anthony Bonnici**, in rapprezentanza ta' Go plc. Ikkonferma li kien hemm zewg linji rregistrati fuq il-konvenut, wahda fixed line 21821951 u l-ohra mobile 79595407 u pprezenta ukoll itemised bill tat-telefonati u sms f'forma ta' cd.[6]

6. **PC 175 Antonello Magri** pprezenta erba' rapporti li kienet ghamlet l-attrici fil-konfront tal-konvenut bejn is-snin 2014 u 2015. [7]

7. **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-konvenut ilu jircievi c-childrens allowance ghat-tifel O u ilu jircevihom mill-10 ta' Ottubru, 2015 sal-lum.[8]

   Ighid ukoll li l-konvenut kien applika u jircievi l-"In work Benefit" u dan huwa beneficcju ta' min ma jaqlax certi ammonti jew ghal single parent jew "for couples with only one working having an annual income from gainful occupation of between €6600 and €13, 000 and with children residing at the same address under 23 years." Dan huwa grant li huwa "ongoing benefit" diment li wiehed ikompli jissodisfa l-kriterji. Wiehed

---
[4] Ara Dok. JB 1
[5] Ara Dok,. BOV 1
[6] Ara Dok. AB
[7] Ara doks. AM 1 sa AM 4
[8] Ara Dok. ST1

irid japplika pero’ kull sena. Jikkonferma li mis-6 ta’ Jannar, 2017 ma sarx pagament iehor.[9]

Dwar l-applikazzjoni tal-konvenut ghall-“In Work Benefit” ighid li l-konvenut kien iddikjara ntrojtu ta’ €9, 756, fejn imbaghad inaqsu l-bolla fl-ammont ta’ €1, 480 u l-beneficcju nhadem fuq €8, 275.56.[10] Ikkonferma li kienu nfurmati ukoll li l-konvenut kien qed jircievi manteniment fis-somma ta’ €150 kull erba’ gimghat, izda dawn ma jittiehdux in konsiderazzjoni ghal dan il-beneficcju.

8. **Marisa Gauci** in rapprezentanza tal-Vodafone ikkonfermat li kien hemm linja rregistrata fuq il-konvenut li jgib in-numru 99105819. Din il-linja kienet infethet fil-31 ta’ Dicembru, 2015 sal-5 ta’ Settembru, 2016. Imbaghad regghet infethet mis-7 ta’ Settembru, 2016 u ghadha attiva sal-lum. Tikkonferma li rigward telefonati ma sabet xejn.

9. **Perit Tancred Mifsud** ighid li jaf lill-attrici peress li kienet talbitu jaghmel stima tal-proprjeta’ taghhom f’Haz Zabbar. Kienet infurmatu li hemm proprjeta’ ohra Hal Tarxien, li kienet il-hanut, izda meta mar l-konvenut, li cempel lill-avukat tieghu meta sabu hemmhekk, ipprojbilu l-access. Jikkonferma li kien hejja r-rapport fuq dak li ra hu.

10. **Gertrude Scerri** pprezentat il-file mediku tal-konvenut.[11]

11. **In-Nutar Ivan Barbara** jispjega li gie avvicinat mill-konvenut biex tigi redatta skrittura tas-separazzjoni tal-beni bejn il-partijiet. Ghall-bidu kien mar ikellmu l-konvenut wahdu u kien ha n-notamenti. Qabel ma ffirmaw

[9] Ara dok. ST1
[10] Ara Dok. ST3
[11] Ara Dok. GS 1

jikkonferma li kien iltaqa' maz-zewg partijiet u jghid li kien jidher li kien hemm dizgwid bejniethom u kien tahom parir sabiex imorru jkellmu avuat. Hass li l-attrici ma kinitx qed thossha komda. L-attrici kienet talbitu jispjegalha x'kienet ser tiffirma u jghid li kieku nduna li kienet qed tigi sfurzata sabiex tiffirma l-iskrittura ma kienx jippubblika l-kuntratt.

Jametti li kien tkellem ma' Dr.Michael Tanti Dougall, izda dan riedu iktar sabiex jottempera ruhu mad-digriet.

Dwar dejn imsemmi fl-iskrittura jghid li qatt ma kien ra prova tal-ezistenza tieghu u ma saru ebda waqivers sabiex l-attrici tigi rilaxxata minn dan id-dejn u ghalhekk ghadha responsabbli ghal tali dejn lejn terzi.

Jikkonferma ukoll li l-attrici ma kinitx hallsitu sehemha tal-iskrittura u jista' jaghti l-kaz li lanqas hu ma talabha l-hlas. Ghalkemm l-attrici qatt ma urietu li kellha rizervi dwar il-kuntratt, kienet uriet li ma kinitx qed taqbel meta gew biex jiffirmaw. Pero' qabel ma ffirmaw kien hemm id-dikjarazzjoni li qed jiffirmaw minghajr pressjoni, Meta ffirmaw jikkonferma li kienu huma biss u mal-avukat Tanti Dougall kien iltaqa' biss qabel il-kuntratt.

12. **Dr.Alessandro Lia** in rapprezentanza ta' JC Micallef Co.Ltd ipprezenta zewg dokumenti li huma l-engagement form taghha mal-istess socjeta' li sehh fil-21 ta' Novembru, 2011 u t-termination form li sehh b'effett mis-26 ta' Dicembru, 2017 u r-raguni moghtija kienet minhabba nuqqas ta' xoghol.[12] Ma jirrizultax li kien hemm xi haddiehor li gie redundant.

[12] Ara Dok. SL 1 u SL 2

13. **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta dokumenti rigwardanti l-employment history u r-registration history tal-partijiet.[13] Ikkonferma li l-attrici ilha mpjegata mill-20 ta' Marzu, 2018 bhala picker ma' Mgarr Mushrooms, Mgarrr u tirregistra taht part-time.

14. **Robert Darmanin**, accountant ipprezenta rapport fejn hareg il-profit and loss ghas-snin 2016, 2017 u 2018 (ghas-sena 2018 dawn kienu sal-10 ta' Settembru, 2018) u dawn kienu in konnessjoni man-negozju Chris Hardward Store and Autoparts and Autocovers. Hadem fuq il-karti kollha li kienu ta' xiri ghall-bejgh (resale) u Z readings. Dwar l-ispejjes dawn ikkalkolahom fuq assunzjoni fuq l-ispejjes li kienu diga' gew indikati fil-profit and loss li kien diga' pprezenta l-konvenut. Dwar l-istocks kellu joqghod fuq l-informazzjoni li tah il-konvenut. Ma tantx kien hemm diskrepanza bejn il-profit and loss li pprezenta l-konvenut u li hadem hu.

15. **RPC 3141 Janet Cicala** pprezentat 34-il rapport li saru fil-konfront tal-partijiet.[14]

16. **Doris Vella Cassar** in rapprezentanza ta' Mater Dei prezentat il-file mediku tal-attrici.[15]

17. **Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta l-vetturi li huma u li kienu rregistrati fuq l-attrici[16] u l-istess ghamel ghall-konvenut.[17]

---

[13] Ara Dok. JS 1a sa JS 4a
[14] Ara Dok. PC 1 sa PC 34
[15] Ara Dok. MD
[16] Ara Doks. SC 1 – SC 2
[17] Ara DOk. SC 3 – SC 4

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-partijiet kienu zzewgu fit-30 ta’ Ottubru tal-1999, u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, O, li llum huwa maggorenni. Mill-atti jirrisulta li fis-sena 2013, il-partijiet kienu ftehemu dwar is-separazzjoni tal-beni, u kienu ffirmaw kuntratt quddiem in-Nutar Ivan Barbara fil-11 ta’ Dicembru ta’ dik is-sena. Bis-sahha ta’ dan il-kuntratt, il-proprjeta’ kollha tal-komunjoni tal-akkwisti giet assenjata lill-konvenut, hlief ghal vettura wahda li giet assenjata lill-attrici. Sussegwentement, l-attrici ppruvat tattakka l-validita’ ta’ dak il-kuntratt permezz ta’ kawza fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, u kontestwalment fethet proceduri ta’ separazzjoni kontra zewggha.

Illi permezz ta’ sentenza datata 26 ta’ Jannar, 2022, fil-kawza fl-istess ismijiet (Rik 253/14), deciza mill-Qorti tal-Appell wara sentenza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, il-komunjoni tal-akkwisti kienet giet likwidata bil-modalita’ indikata f’dik l-istess sentenza. Din giet esebita f’dawn l-atti permezz ta’ nota datata 11 ta’ Frar, 2022. Tenut kont ta’ dik is-senenza, illum *res judicata,* il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tikkonsidra l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, ladarba din gia’ giet trattata w deciza f’dik il-kawza. Jifdal ghalhekk ghal din il-Qorti tippronunzja ruhha dwar is-separazzjoni u l-htija ghall-istess, wara li l-Qorti tkun qieset il-provi prodotti mill-partijiet.

Bhal ma jigri f’hafna kawzi ta’ separazzjoni, il-Qorti ghandha zewg verzjonijiet ta’ fatti dijametrikament opposti ghal xulxin. Liema verzjoni ghandha tipprevali fuq l-ohra tiddependi fuq kredibilita’ u provi ohra indiretti. L-attrici tghid li l-konvenut kien pussessiv fuqha u kien dominanti u jikkontrollaha f’kull haga li tipprova taghmel. Tghid li l-hajja kienet insopportabbli u impossibbli ghaliha,

tant li anke meta tigi biex tixtri affarjiet bazici ghaliha, kienet issib opposizzjoni shiha mir-ragel taghha, u ghalhekk ghexet il-hajja taz-zwieg taghha taht il-kontroll finanzjarju u emozzjonali tal-konvenut. Din il-verzjoni giet ikkorroboratha minn membri tal-familja taghha u minn terzi, li xehdu bl-istess mod. Mill-banda l-ohra, il-konvenut jghid li l-mara tieghu kienet tonfoq il-flus fuqha nnifisha minghajr ma taghti kaz tal-bzonnijiet tal-familja, u inoltre kellha aktar minn relazzjoni wahda intima ma rgiel ohra waqt iz-zwieg, u ghalhekk ma setax jghix b'mohhu mistrieh. Kien anke ikkonfrontaha fuq dan u ammettiet mieghu, tant li kienu infirdu u ftehemu fuq kuntratt ta' separazzjoni tal-assi bejniethom, wara liema l-partijiet kienu rrikonciljaw u regghu ghexu flimkien ghal xi zmien, sa ma l-attrici stess fethet il-proceduri ta' separazzjoni odjerni. Din il-verzjoni ta' fatti ukoll hija ikkoroboratha mit-tifel tal-partijiet, illum maggorenni, li ilu zmien issa jghix ma' missieru u ma jitkellimx ma' ommu.

Illi ghalhekk, rinfaccata b'zewg verzjonijiet totalment differenti minn xulxin, il-Qorti jkollha taghzel liema verzjoni temmen. Is-sensazzjoni hija li l-verzjoni moghtija mill-attrici giet ikkorroborata minn xhieda tal-familjari taghha u minn persuni ohra, li xehdu fuq dak li raw u li ghaddew minnu personalment. It-tifel tal-partijiet, O D, fl-affidavit tieghu jaghmel referenza ghal numru ta' okkazjonijiet li ra u li ghexhom direttament, izda xorta jibqa' d-dubju kemm dawk il-kliem kienu gejjin dirett minnu, u kemm kienu gejjin minn missieru. Dan jaghti aktar kredibilita' lil dik il-verzjoni ta' fatti moghtija mill-attrici. Il-Qorti ghalhekk hija aktar propensa temmen lill-attrici milli lill-konvenut.

Inoltre, izda, hemm ukoll il-kuntratt ta' separazzjoni tal-assi, li kien gie attakkat mill-attrici stess b'kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, u li anke l-Qorti tal-Appell ikkonfermat il-validita' tieghu. F'dak il-kuntratt, l-attrici assenjat is-

sehem taghha tal-komunjoni lill-konvenut, u s-suspett li tali kuntratt seta' gie impost fuq l-attrici kontra l-volonta' hielsa taghha jqum wahdu. Dak il-mertu gie esaminat fil-fond, gie tratta u deciz finalment. Il-Qorti illum ghandha l-konfort ta' zewg stanzi gudizzjarji li kkonfermaw li dak il-kuntratt huwa wiehed validu, u li ghalhekk difficilment wiehed jemmen li l-attrici kienet imgieghelha tiffirmah kif sostniet anke f'dawn il-proceduri. Dan ukoll jindika lejn x'seta' kienu r-ragunijiet li wasslu lill-attrici taqbel u tiffirma kuntratt bhal dak b'mod liberu. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tispekula f'dan ir-rigward, izda anke dan huwa indikattiv fih innifsu. Dan il-fatt ghalhekk inaqqas mill-kredibilita' tal-attrici u jsahhah il-posizzjoni tal-konvenut.

Illi ghalhekk, filwaqt li l-attrici ressqet provi sufficjenti li jaghtuha kredibilita' u li juru kif il-konvenut kien qed jimxi maghha, min-naha l-ohra l-proceduri fil-kawza l-ohra taw ragun lill-konvenut u kkonkludew li l-kuntratt tal-qasma kien wiehed validu, li ghalhekk necessarjament ifisser li l-attrici kienet konxja ta' dak li qed tiffirma ghalih. Li kieku verament kienet il-vittma f'dik il-procedura kollha, dan kien jigi rilevat f'dik il-kawza.

Fi ftit kliem, jidher li z-zewg partijiet huma kredibbli ghall-Qorti, li jaghmel l-ezercizzju wiehed difficli, jekk mhux impossibbli. Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn il-fatti kif esposti mill-partijiet, il-Qorti tikkonkludi li l-htija ghall-firda ta' bejn il-partijiet ghandha taqa' fuqhom it-tnejn. Huwa ezercizzju pjuttost akkademiku f'dan l-istadju li wiehed jara x'seta wassal biex il-partijiet imxew b'dak il-mod ma' xulxin. Forsi kien il-konvenut li bieghed lill-attrici minnu bl-imgieba tieghu, tant li fittxet l-attenzjoni ta' haddiehor? Jew kienet l-attrici li gieghlet lill-konvenut jkun aktar possessiv fil-konfront taghha, bl-agir taghha lejn irgiel ohra? Huwa fatt li t-tnejn naqsu fil-konfront ta' xulxin. Min naqas l-ewwel, jew min

wassal biex in-naha l-ohra tonqos, mhu ser iwassal ghal ebda kambjament fl-effetti tal-kawza. Ser tigi pronunzjata s-separazzjoni bejniethom, li ghalhekk ghandha sservi bhala l-gheluq ta' dan il-kapitlu ta' hajjithom. Sfortunatament, f'kull kawza ta' separazzjoni, huma dejjem il-partijiet li johorgu telliefa, ghax zgur ma kienux dahlu ghaz-zwieg bil-hsieb li dan ma kienx ser ikun success. Kif gia' accennat, dan l-ezercizzju llum huwa wiehed akkademiku, ladarba l-kuntratt ta' separazzjoni tal-assi gie ikkonfermat anke mill-Qorti tal-Appell. Illum, uhud mit-talbiet huma ezawriti, u ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi biex tippronunzja s-separazzjoni bejniethom u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti, ghar-ragunijiet attribwibbli lill-istess attrici, u cioe' dik ta' adulterju da parti taghha.
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u t-tielet talba, stante li l-wild tal-partijiet illum huwa maggorenni.
3. Tichad ir-raba' u d-disa' talba.
4. Tilqa' l-ghaxar talba, u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjomha xebba, ossia Lia.
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra, in vista tal-likwidazzjoni tal-komunjoni.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella** **Deputat Registratur**